*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,747, 6 ta' Mejju, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 177 ta' l-2011**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ TA' L-IKEL (KAP. 449)

### Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 30 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħħlu fis-seħħ fil-31 ta' Marzu, 2011.

Skop.

**2.** Regolamenti 3 u 4 jimplementaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/37/UE tas-17 ta' Ġunju, li temenda d-Direttiva 2008/60/KE li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità għas-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 1.3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"(b) Direttiva tal-Kummissjoni 2008/60/KE li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità għas-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel, kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/37/UE.".

Jemenda regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fir-regolament 7.1 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Direttiva tal-Komunità Ewropa 95/31/KE, kif emendata", għandu jidħol il-kliem "Direttiva tal-Kummissjoni 2008/60/KE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/37/UE.".

**L.N. 177 of 2011**

## FOOD SAFETY ACT
## (CAP. 449)

### Sweeteners for Use in Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2011

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister for Health, the Elderly and Community Care, has made the following regulations:-

Citation and commencement.

L.N. 30 of 2005.

**1.** (1) The title of these regulations is the Sweeteners for Use in Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2011, and they shall be read and construed as one with the Sweeteners for Use in Foodstuffs Regulations, 2005, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) These regulations shall be deemed to have come into force on the 31st March 2011.

Scope.

**2.** Regulations 3 and 4 implement the provisions of Commission Directive 2010/37/EU of 17 June 2010 amending Directive 2008/60/EC laying down specific purity criteria on sweeteners for use in foodstuffs.

Amends regulation 1 of the principal regulations.

**3.** For paragraph (b) of regulation 1.3 of the principal regulations there shall be substituted the following:-

"(b) Commission Directive 2008/60/EC laying down specific purity criteria concerning sweeteners for use in foodstuffs as amended by Commission Directive 2010/37/EU.".

Amends regulation 7 of the principal regulations.

**4.** In regulation 7.1 of the principal regulations, for the words "European Community Directive 95/31/EC, as amended", there shall be substituted the words "Commission Directive 2008/60/EC, as amended by Commission Directive 2010/37/EU.".

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**